MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 96/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fi sbatax ta' April tas-sena elfejn u tmienja (17/4/2008), f'Liaoning Province, gewwa ic-Cina;

2. Illi dan iz-zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta fl-istess sena taz-zwieg, jigifieri fl-2008, permess ta att nru 1814/2008 li huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
3. Illi l-partijiet huma gia meqjusa ddivorzjati u ottjenew tali divorzju gewwa c-Cina, fejn ghandhom ftehim ta' divorzju (hawn anness u mmakrat bhala Dok B), flimkien ma certifikat ta' divorzju (hawn anness u mmarkat bhala Dok C); pero permess li dan mhuwiex minn Qorti kompetenti skont il-Kap. 255, jehtieg li jsiru il-proceduri gewwa Malta sabiex jotjenu divorzju f'Malta ukoll;
4. Illi l-esponenti kien jghix gewwa l-Ingilterra mal-mara fil-bidu tas-sena 2009, pero' lejn l-ahhar tas-sena 2009 il-mara telqet mill-Ingilterra u marret lura lejn ic-Cina u ilhom mifrudin minn dak iz-zmien;
5. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin separati de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet ma kellhomx tfal u m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar il-manteniment peress li ebda manteniment ma tithallas mill-partijiet;
7. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stability mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Mejju, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi martu fl-ahhar tas-sena 2009 telqet mill-Ingilterra u marret lura lejn ic-Cina u ilhom de facto separati minn dak iz-zmien;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------